# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali San Lawrenz

## IS-SEBGĦA LEĠISLATURA

### Laqgħa Numru 26

Il-Ħamis, 18 ta' Mejju, 2017

Il-Kunsill Lokali San Lawrenz iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 22A, Triq id-Duluri, fis-14:00.

PREŻENTI:

Noel Formosa – Sindku
Anthony Formosa – Viċi Sindku
Franco Buhagiar – Kunsillier
Joseph Cauchi – Kunsillier
Carmela Grima – Kunsillier
James Grima – Ambaxxatur taż-żgħażagħ

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Sarah Formosa – Segretarju Eżekuttiv

## 26.1 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

26.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv (SE) ippreżentat il-minuti tal-laqgħa preċedenti li kienu meqjusa moqrija.

26.1.2 Il-minuti kienu approvati u ffirmati mis-Sindku u s-SE.

## 26.2 Kommunikazzjoni mis-Sindku u Korrispondenza

26.2.1 Is-Sindku nforma lill-kunsilliera li waslet l-istima tal-ħsara li saret lil bdiewa konsegwenza tat-tiswija li qed isir fuq il-ħitan ta' Triq it-Torri. L-istima hi ta mitt ewro kull tomna. Sar qbil li kif jitlestew il-ħitan, nagħmlu kuntatt mal-bdiewa sabiex nagħtuhom kumpens.

26.2.2 Is-Sindku qal li fl-aħħar is-Segretarju Eżekuttiv irnexxielha tagħmel kuntatt ma min hu Inkarigat mill-UIF Funds. Hu kompla jgħid li l-ammont li huwa dovut lilna hu: € 13,621.64, jekk isir qbil, nużaw dawn il-fondi sabiex nirranġaw il-Bring in Sites. Is-Sindku kompla jgħid li tkun idea tajba jekk napplikaw għall-monument ta' quddiem il-Knisja ukoll li kien ġie diskuss u maqbul xi sentejn ilu ta' dawk it-tfal jilgħabu. Il-Kunsill qabel.

26.2.3 Is-Sindku informa li rigward il-fanali ta Triq it-Torri fi sqaq ta' San Lawrenz, sab kompromess mar-residenti, u talab lil Kuntrattur sabiex il-fanal jeħel iktar il-fuq.

26.2.4 Is-Sindku qal kellu żewġ talbiet għall-fanali ġodda fl-Isqaq ta' Pawluzzu u fl-Isqaq tal-Franċiż. Dwn it-talbiet kienu wkoll diskussi f' laqgħat preċedenti. L-istima għall-kull fanal hija ta' €938.00. Il-Kunsill qabel li dawn il-fanali jsiru.

26.2.5 Is-Sindku qal li hu jinsab sodisfatt ħafna għall-grupp taż-żgħażagħ tal-Young Enterprise, dan għaliex f'sens ta' kummerċ sejrin tajjeb ħafna. Hu kompla jgħid li ġew mogħtija *award* għall-perseveranza fejn ikkompetew anke ma kumpaniji simli waqt award cerimony li saret f'Malta. Is-Sindku qal li hu innominhom għall-premju internazzjonali fejn dawn ġew magħżula sabiex jirrapreżentaw lil Għawdex, u jkollhom l-opportunita' li jbiegħu l-prodott tagħhom mad-dinja kollha. Il-Kunsill feraħ lil dawn iż-żgħażagħ. Dawn iż-żgħażagħ sejrin jitilgħu s-Slovenja biex jirċievu r-rikonoxximent.

26.2.6 Is-Sindku informa lil Kunsill li għall-Youth Exchange ma applika ħadd u allura tkun idea tajba jekk nipprovaw infittxu saħansitra minn barra r-raħal. Il-Kunsill qabel.

26.2.7 Is-Sindku qal li ikun ġest sabiħ li kieku nagħtu ktieb bħala grazzi lis-Sur Bashir talli offra ħinu sabiex tkun tista titella l-*Library Day.* Il-Kunsill qabel.

26.2.8 Is-Sindku qal li rigward il-korrispondenza mingħand l-ERA rigward *Marine Protected*

*Areas,* tkun idea tajba li peress illi d-Dwejra hi sit delikat ħafna, nifthemu mal-esperti u nagħmlu laqgħa informattiva. Dan għaliex hu ikollu ħafna ilmenti minn sajjieda li jgħidu li ħut naqas ħafna, u għalhekk tajjeb li ngħallmu fuq sajd sostennibli.

26.2.9 Is-Sindku informa lil Kunsilliera li t-Tender tal-Iskart se jkollna noħorġuħ aħna u l-Kunsill tal-Għasri biss għaliex il-Kunsill tal-Għarb iddeċieda li jmur għal rasu. Il-Kunsill qabel.

26.2.10 Is-Sindku qal li ippropona l-idea tat-Tifkira tal-Memorja tad-Dwejra lil Kappillan u hu qallu li jaqbel mal-idea pero irid iġib l-approvazzjoni tas-superjuri tiegħu.

26.2.11 Is-Sindku qara ittra li irċieva ittra mingħand il-Parroċċa sabiex jerġa jsir s-*Summer Fun Club.* Sar qbil li tingħata l-għajnuna bħas-sena l-oħra.

26.2.12 Is-Sindku qara ittra li irċieva ittra mingħand il-Kumitat tal-Festa fejn talbu sabiex isir arblu fil-bidu ta' Triq San Lawrenz fejn il-monument ta' San Lawrenz. Wara diskussjoni sar qbil li naraw kemm jiswew arbli simili u nieħdu kunsiderazzjoni l-ispejjeż ta' prijoritajiet li għandu l- Kunsill.

26.2.13 Is-Sindku qal li wasal iż-żmien li t-tim tal-futbol ta' San Lawrenz imorru Colle Umberto sabiex issir il-lobgħa ta' bejniethom. Sar qbil li għandu jitħallas it-trasport lejn l-ajruport u lura.

26.2.14 Is-Sindku ippropona illi dan is-Sajf għandna naħsbu li norgannizzaw trasport għall-kulħadd lejn bajjiet differenti f' Għawdex biex nagħtu opprotunità lil min ma għandux transport biex imur jgħum bajjiet differenti din il-ħarġa ssir kull nhar ta' Ħamis u niġbru l-flus minn qabel. Il-Kunsill qabel.

26.2.15 Is-SE qalet li irċiviet emejl mingħand id-Deputat Segretarju Eżekuttiv preżenti, is-Sur Ivan Attard, fejn wera d-dispjaċir tiegħu li għall-raġunijiet personali ma jistax Jibqa' jservi f'din il-pożizzjoni. Wara diskussjoni sar qbil li ninomminaw lis-Sinjura Marianne Sagona li għandha pożizzjoni ta' Segretarju Eżekuttiv fil-Kunsill ta' Kerċem.

26.2.16 Is-SE qalet li s'issa, fl-uffiċini amministrattiv kienet qed tuża s-sistema tad-*Dropbox* bla ħlas, din is-sistema tagħti l-opportunità li narkivjaw dokumenti importanti tal- Kunsill b'mod aktar sigur. Peress li issa dejjem qed neħtieġu iktar spazju sabiex ikollna *back-up* tal-*files* tal-Kunsill, hemm bżonn li nixtru iktar spazju. Is-SE issuġġeriet li nixtru l- pjan ta' mitt ewro fis-sena. Il-Kunsill qabel.

26.2.17 Is-SE qalet li fiż-żewġ twieqi tar-*reception,* filgħodu x-xemx tkun taħraq wisq b'konsegwenza illi l-ħaddiema ma jissaportux f'dan il-post. Is-SE issuġġeriet li nagħmlu *blinds* b'mod immedjat. Il-Kunsill qabel.

26.2.18 Is-SE qalet li irċivejna Ċirkulari Numru 13/2017 – Inizjattiva Finanzjarja – *Local Government Community Innovation Fund (CIF).* Wara li saret diskussjoni, il-Kunsill qabel li se japplika għall-dawn il-fondi.

26.2.19 Is-SE qalet li daħlet emejl mid-DLG rigward inizjattiva: *'Promotion of the Strategy for Innovaton and Good Governance at Local Level and the Granting of the European Label of Governance Exellence (EloGE).* Il-Kunsill qabel li japplika.

26.2.20 Is-SE ippreżentat il-Pjan ta' Tlett Snin skont is-suġġerimenti li saru fl-aħħar laqgħa. Il-Kunsill approva l-Pjan.

## 26.3 Tweġibiet għall-Mistoqsjiet tal-Kunsillieri

26.3.1 Il-Kunsillier Joseph Cauchi talab li titwaħħal *sticker* li twissi sabiex ma jintremax żibel fuq il-*waste bin* tal-Pjazza. Il-Kunsill qabel.

26.3.2 Il- Kunsillier Cauchi saqsa jekk se norganizzaw laqgħa informattiva oħra mat-tim ta' Marion Mizzi peress li l-aħħar sessjoni ma attendewx nies. Il-Kunsill qabel li naraw meta jkunu jistgħu sabiex nagħmlu sessjoni oħra.

## 26.4 Skema Kulturali Lulju 2017 – Diċembru 2020

26.4.1 Is-SE infurmat lil Kunsill li ħarget l-iskema Kulturali pero din id-darba se tkopri minn Lulju 2017 – Diċembru 2020. Is-SE ħadet is-suġġerimenti sabiex tkun tista tipprepara l-applikazzjoni.

## 26.5 Inawgurazzjoni tal-Playingfield

26.5.1 Is-Sindku informa lil Kunsill illi kellu komunikat mac-*Chief of Staff* tal-Hon. Caruana, fejn avżaħ li wisq probabli d-datata tal-Inawgurazzjoni se tkun fi-28 ta' Mejju f'nofsinhar, pero għadu xejn m'hu ċert. Is-Sindku qal li se jżomm lil kulħadd avżat jekk ikun hemm tibdil.

## 26.6 Swejjaq Ġunju 2017

26.6.1 Is-Sindku qal l-edizzjoni ta' Swejjaq li jmiss kważi waslet, u din se tkun fil-11 ta' Ġunju. Kompla jgħid li tkun idea tajba jekk nibgħatu fuljett f'kull dar t'Għawdex sabiex Ikun hemm iktar interess fl-attivita'. Il-Kunsill qabel.

## 26.7 Ittra ta' Direzzjoni mill-Awdituri u r-Risposta tal-Kunsill

26.7.1 Is-SE ppreżentat l-ittra tad-direzzjoni tal-awdituri fejn ġew immarkati n-nuqqasijiet tal-Kunsill. Is-SE qalet li fost dawn in-nuqassijiet kien hemm il-fatt li peress li l-kwotazzjoni tal-ħaddiem Victor Formosa, li ġieli jiġi imqabbad mill-Kunsill hija skaduta, u hemm bżonn li tinħareġ mill-ġdid. Is-SE qalet li din irridu noħorġu l-kwotazzjoni minnufiħ. Il-Kunsill qabel.

26.7.2 Is-SE qalet li nuqqas ieħor li jrid attenzjoni hu l-fatt li l-*Financial Situation Indicator* huwa negattiv u għalhekk għandu jkun hemm iktar rażan ta' infieq u spejjeż

speċjalment fejn jidħlu proġetti m'humiex ippjanati. Il-Kunsill qabel.

26.7.3 Is-SE ippreżentat risposta issuġerita li għandha tintbagħat lil-awdituri. Il-Kunsill qabel mar-risposta.

## 26.8 Rapporti Finanzjarji ta' Kull Kwart

26.8.1 Is-SE ppreżentat l-Rapporti Finanzjarji tal-ewwel kwart. Dan ġie approvat.

## 26.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

26.9.1 Il-Kunsill approva l-lista ta' pagamenti kif preżentati mis-SE.

# 26.10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

26.10.1 Il-laqgħa intemmet fl-17:00 u ġiet aġġornata għall-22 ta' Ġunju 2017 fl-09:30.

Noel Formosa
Sindku

Sarah Formosa
Segretarju Eżekuttiv